# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeŭġ dac li gharaf hallat il helu ma'l mehtieġ.

Il Poeta latin Orazju.

**16.** **19 TA' DICEMBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Nahla" tohroġ cull nhar ta' Sibt, f'il ghaxija.

Il hlas taghha hu:— ghal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema hames xelini f'is-sena; ghal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u ghal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il hlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieheb ghal inkas minn se[illegible] u [illegible]c ma jgharrafnix, ghallankas hmistax kabel, li ma fi hsiebux gedded, inghoddu bhala 'msieheb gha's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tghodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min ihallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-a[illegible]vis żghar b-xejn; min ihallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu er-bgha biss ma tul is-sena; u min ihallas [illegible]' tliet xhur [illegible] kud-diem, ŭiehed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żghejr jeŭ acbar ihal-las scond ma niftiehmu.

Cull imsieheb, li jcun hallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u mehtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieheb icollhom id-dritt jaghmlu il mis-toksijiet ucoll.

Cull min igib ghaxar imsiehbin ġodda, natieh tieghu, ghal sena, b-xejn.

F'in-"Nahla" ŭieghduni li ghandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Di-rettur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Ghaŭ-dex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u ohrajn.

Ghal premjijiet jista jidhol m'hux biss min icun imsieheb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokghod ghal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Nahla".

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri ghandhom jimbaghtu collha il Belt, 37, Strada S. Gio-anni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## CHIF NIĠBDU IL FRUSTIERI F'MALTA.

Chif? nisthajjilcom tghiduli, mela m'hux biż-żejjed Malta miżghuda [illegible]'il frus[illegible]i li kieghdin jieclulna hobżna trid mela tiġbed frustieri iż[illegible] halli imbaghad incunu f'il frisc seŭŭa?...

Stenneŭ, stenneŭ kabel tonfru xejn, halli niftehmu [illegible] ftit u halli taraŭ biex jiena gej, jecc imbaghad ghandi tort, haġ-ġruni.... jecc ihallucom.

Hemm il frustieri minn ċic ir-razza li kieghdin tahsbu in-tom; igifieri daŭc li jiġu f'Malta biex jieclulna hobżna, u hemm ucoll rażża ohra ta' frustieri, daŭc li ahna insejhulhom *pas-siġġieri*, u li jiġu f'Malta biex ikallghuna il hobż u biex ihallu ŭarajhom il grazzja t'Alla.

Jiena ma hlomt katt li niġbed f'Malta daŭc il frustieri li jiġu inakkrulna il lokma hobs li bakghilna, m'hux biss iżda f'articolu ta xi numru ta' kabel fehimtcom b'iż-żejjed ċar x'ghan-du bżonn isir biex ŭiehed ikaċċathom il barra darba ghal dej-jem; iżda nixtiek hafna li joctru f'pajjisna daŭc il frustieri, li jiġu biex jonfku gidhom u b'hecc jerfghu il Malta m'il ghacs li tinsab fih.

Din hi il fehma sabiha ucoll ta'l Marchis u Avucat Mat-tei ġaladarba ressak dic it-talba f'il Cunsill biex il Gvern jistudja ftit x'jista jaghmel biex jiġbed il frustieri f'Malta. U dina il haġa, flimchien ma' dic tat'tŭakkif ta'l industriji, huma il muftieh biex jinfetah il bieb ta'r-risk ta Malta.

Cullhadd jaf chemm eluf ta' passiġġieri americani, ingliżi u tedeschi cull sena ighaddu biex imorru ikattghu ix-xitŭa il Cajr jeŭ Lixandra.

**Lil Spiru Cassar** (Il Belt).

Meta għedtlec li is-Sur Muscat-Azzopardi hu ŭieħed m'il l-aħjar chittieba ta'l Malti okgħod sgur li ma għedtlec xejn ħażin. Jista jcun li culltant ssiblu xi żelluma fl-ortografija; iżda chif taf int l-ortografija maltija għad ma għandiex regoli kiegħda u għalecc m'hux cullħadd jista jċanfru. Meta jicteb *ommha, kalbha, missieru, rasu* jicteb tajjeb.

Ingħidlec għala ucoll.

Hu *tiegħi, tiegħec, tagħha, tiegħu, tagħna, tagħcom, tagħhom;* u inti tara li cull chelma tibda b'*tagħ* jeŭ b'*tiegħ*. Issa l'*ie* ma hix ħlief l'*a* mibdula għal ħleŭŭa ta'l leħen. Mela il preposizzjoni hi dejjem *tagħ*, biss cull tant issir *tiegħ* għa'r-raġuni li għedt. Mela min jicteb *taħħa*, jeŭ *taħħom* jicteb ħażin.

Nieħdu issa minn cull chelma li għidna il bcejjeċ li jifdlu u daŭna huma il pronomi, li jibkgħu dejjem l-istess:—

| | |
|---|---|
| tiegħ-i | tagħ-na |
| tiegħ-ec | tagħ-com |
| tiegħ-u | tagħ-hom |
| tagħ-ha | |

Mela il pronomi huma: I, EC, U, HA, NA, COM u HOM.

F'loc il proposizzjoni *tagħ* kiegħed liema chelma trid u ŭaħħal dejjem ŭarajha ŭieħed m'ill pronomi li għedna u jcolloc: *omm-ha* u m'hux *omma; ras-u* u m'hux *rashu; kalbcom* u m'hux *kalbchom; rashom* u m'hux *rasom*. Fuk l-istess regola timxi il preposizzjoni *magħ*; u għalecc għandna nictbu: miegħ-i, miegħ-ec; miegħ-u; magħ-ha; magħ-na; magħ-com u magħ-hom.

Min jicteb *tigħi, tigħec, migħi* jeŭ *migħec* jicteb ħażin għaliex l-A għarbija ta'l preposizzjoni MAGH jeŭ TAGH tidbiddel dejjem f'IE u m'hux f'I, bħal ma il *jana* għarbija issir *jiena* f'il malti.

Il preposizzjonijiet *magħ* u *tagħ* aħna nictbuhom *ma* u *ta*, iżda biex nictbu aħjar nagħmlu bħal ma nagħmel jien f'in-"Naħla" li ŭarajhom inkiegħed apostrofu, igifieri ħemm *għ* nieksa u għaleec nicteb ma', ta', ta'l ma'l.

Trid taf għala il ctieb 81 ta'l "Mogħdija ta'ż-Żmien" jismu DAVID U STEJFEN u m'hux STEJFEN U TITU jeŭ IL MIRACLI TA' CRISTU billi chif għedt int David jissemma ftit ŭisk. Għal din il mistoksija nitma li jŭiegbec isSur Muscat-Azzopardi stess f'in-"Naħla" tiegħi.

**Lil P. M.** (Il Belt).

Tixtiek taf x'ifissru l-ittri B. A ŭara isem ta' xi ħadd? Ingħidlec; ifissru *Baccalaureus Artium* igifieri *Bacellier fl'Arti. Bacellier* hu grad inkas m'il *Magister*, (Mgħallem) u dana grad inkas minn *Doctor* (Duttur). Igħidulu *Bacellier* minn *baculus* chelma b'il latin li tfisser bastun ta' setgħa (baclu).

Jissejjaħ Bacellier fl'*Arti* għaliex il-letteratura, il matematichi u saħansitra il Medicina huma magħdudin bħala snajja sbieħ u għalecc igħidu *Ars Medica* (is-sengħa ta't-Tobba).

Biex ŭieħed jieħu il Laŭrja ta' *Bacellier* (għaliex hi vera laŭrja u minn icollu dana il grad jilbes il berritta, ir-rużetta it-toga u jieħu il ġurament bħa't-tobba u l-avucati) irid igib ħamsin f'il mija ta'l marchi ta' daŭna il materji: Letteratura Ingliża, Taljana u Latina, Algebra, Geometrija Pjana u Solida, Trigonometrija, Misurazzjoni, Fisica, Chimica, Filosofija, Geologija, Meteorologija, Botanica, Zoologija u Prosodija u fl'aħħar sena trid tgħaddi m'il leŭŭel fil materji collha. Biex tieħu il *Magister Artium* trid tagħmel l-istess eżamijiet biss f'loc ħamsin trid iġġib is-sittin f'il mija. It-toga ta'l B.A hi infurrata b'is-satin aħmar, ta'l M. A bl'abjad.

Da'ż-żmien f'loc daŭna il-laŭrji, billi chien difficili ħafna li ŭieħed icun tajjeb f'collox, u għalecc daŭna il gradi ftit chienu jieħduhom, kiegħdin jatu il gradi ta' B. LIT u ta B. SC igifieri Bacellier f'il Letteratura u Bacellier f'ix-Xjenzi biex cullħadd jimxi scond ix-xeħta tiegħu u għamlu seŭŭa.

**Tasseu li fi New York hemm djar għoljin ferm?** (A.B. Il Belt).

Iva. Il għoli ta'd-djar fi New York iŭaħħxec.

Il Metropolitan fiha 50 sular b'700 pied għoli.

Is-Singer Tower ta'l Cumpannija ta'l Macni ta'l ħjata 47 sular b'612 il pied għoli.

Il Palazz ta'l Hudson and Manhatta Railway, 22 sular b'275 pied għoli.

Is-City Investing Building 32 sular b'500 pied għoli.

Sejrin jibnu il Palazz ta'l Equitable Life, b'62 sular u 909 pied għoli u in New Building f'loc it-Tower Building, 38 sular b'1000 pied għoli.

L-opra ta'ċ-Ciclopi, igifieri ta' daŭc il ġganti ta'l antic, b'għajn ŭaħda, li riedu jaħbtu għa's-sema, għandu jcun sejra tiġġedded fi żmienna m'il l-Americani.

# Esperanto

Ingħidu illum xi ħaġa fuk l-accużattiv.

Min jagħmel xi ħaġa li taka fuk ħaddieħor jissejjaħ is-*soġġett*; min jaka fuku jeŭ isofri l-għamil ta' l-ieħor jeŭ icun dac li għamel l-ieħor jissejjaħ l-*oġġett*. Meta ingħidu *Ġanni xtara chelb*, Ġanni hu is-*soġġett* għaliex għamel xi ħaġa (xtara) u il *chelb* hu l-*oġġett* li xtara, li fuku ŭaka il għamil ta' Ġanni. *Il chelb għidem lil Ġanni.* Il *chelb* issa sar *soġġett* għa'x hu għamel xi ħaġa (għidem) u *Ġanni* sar l'*oġġett* li fuku ŭaka il għamil ta'l chelb.

Issa fl'Esperanto il chelma li tfisser l-*oġġett* tokgħod dejjem fl-accużattiv, u dana jsir billi ma'l chelma, fl-aħħar tagħha, tiżdied l-ittra N.

Niftiehmu aħjar bl'eżempji:—

MI tfisser *jiena*, VI tfisser *int* jeŭ *intom*, AMAS hu il present ta'l verb *tħobb*.

Mela chif tgħid bl'Esperanto: Jiena inħobb lilec? *Mi amas vin.* U għala *vin* u m'hux *vi?* Għaliex *vi* hu l-*oġġett* li fuku taka l-imħabba tiegħi u għalecc irid jitkiegħed fl-accużattiv u dana jsir billi iżżid l-ittra N u għalecc minn *vi* issir *vin*. Għalecc ucoll tgħid: *Vi amas min* (inti tħobb lili).

*Mi amas vinon* (jiena inħobb l-imbit).
*Mi amas patron* (jiena inħobb il missier).
*Mi skribas leteron* (jiena nicteb ittra.)
*La patrino skribas leteron* (l-omm ticteb ittra).

L-aġġettiv dejjem jieħu l-accusattiv meta in-nom li jimxi miegħu hu fl-accusattiv u jitkiegħed f'il plural meta in-nom hu f'il plural. Għalecc tgħid:

*La bona patrino skribas longan leteron.*
*Mi amas la bonan patrinon.*
*La malbona patrino batas* (issaŭŭat) *la malbonan filon* (iben)

Il passat ta'l verb isir billi f'loc li jispiċċa bl-*as* bħal *amas* jispiċċa b'*is* (amis) u il futur b'*os* (amos) u dana dejjem f'il verbi collha bla eċcezzjoni:

# COLONNA SAGRA.

## L'Evangelju ta ghada

L'Aħħar Ħadd tal Avvent.

SAN LUKA Cap. 2:—

"Fil ħmistax il sena tas-Saltna tal Imperatur Tiberju,(a) mita Ponzju Pilatu chien Gvernatur tal Lhudija, u Erodi chien tetrarca tal Galilija, u ħuħ Filippu chien tetrarca tal Ituria u tal artijiet ta Traconitida, u Lisanja chien tetrarca tal Abilinja (a)—fi żmien il Cbarat tal Kassisin Anna u Kajfas (b)—seħħet il chelma ta'Alla fuk Ġanni, bin Zaccarija, fid-desert. U ġiè idur mal artijiet collha tal Ġurdan, ixandar il magħmudija tal indiema, għal maħfra tad-dnubiet, bħalma hu mictub fil ctieb tal għajdut tal Profeta Isaija: "Leħen ta min igħajjat fid-desert: *Ħejju it-triek tas-Sinjur: agħmlu ŭatia il mogħdijet tigħu: cull ŭied jintila u cull muntanja u cull għolja titniżżel: u li mgħaŭgin jisseŭeŭ, u it-torok ħorox jitŭitteŭ (c): u in-nies collha (d) jaraŭ il ħelsien t'Alla.*"

(a) San Luka, biex ifaccar seuua mita San Ġuan bida igħammed isemmi is-sena tas-Saltna ta Tiberju u l'ismijet tal Princpijet ta dic il ħabta, għax, uara il meut ta' Erodi, li fi żmienu chien tuieled Cristu, il Lhudija chienet tkassmet bejn ħafna saltniet. Erodi u Flippu chienu ulied Erodi il Cbir u Lisanja chien jagħmel min art żgħejra, imsemmija *Abila ta Lisanja*, actarx għal Lisanja ihor, li chien missier dan ta żmien San Ġuan.

(b) Cap tal Kassisin—jeu biex niftehmu aħjar, il Kassis il Cbir, is-Sommu Sacerdot, chien uieħed; u dic il ħabta chien Kajfas: imma Anna, billi chien ħatnu, jigifieri missier il mara tiegħu, chien jingieb ħafna migħu, għad li ma chienx għadu Cap tal Kassisin, chien baka jiccmanda ucoll.

(c) Dan ifisser li għandu jitneħħa cull tfixchil mid-dinja, biex il migja tal Messija ma tiddauuarx u is-Salvatur jibda jgħammar f'il klub tal bniedmin.

(d) *In-nies collha*: jigifieri m'hux il Lhud biss, cull bniedem ta cull nazzjon icun jista jagħraf, bid-daul tal fidi, *il ħniena t'Alla*, għax is-Salvatur mibgħut mn'Alla għa's-saħħa ta cull ħadd.

## Il Kaddisin tal Gimgħa.

Nhar it-Tnejn—21 ta Dicembru—bl'aħmar—l'Appostlu San Tumas—TAL KUDDIES.

Nhar it-Tlieta — / Nhar l'Erbgħa — ġranet l fihom tarġa issir il Kuddiesa tal Aħħar Ħadd tal Avvent—bil vjola.

Nhar il Ħamis—bil vjola—il Vgili tal Milied—issir il kuddiesa tal istess Vgili—SAUM, MAGRU STRETT.

Nhar il Gimgħa—bl'abjad—IL MILIED—tliet kuddisiet tal ġurnata: iżda għall Precett m'hix obbligata ħlief uaħda.

Nhar is-Sibt—bl'aħmar—San Stiefnu, l'eŭŭel Martiri—TAL KUDDIES.

Nhar il Ħadd—is-27 ta dicembru—bl'abjad—San Ġuan Appostlu u Evangelista—*il Maħbub ta Gesù.*

G. MUSCAT-AZZOPARDI

★

# FAVUR U CONTRA.

*Circolo "Matteu Callus"*
*Strada Loggia No. 48*
*C. Paula.*

*Sur Levanzin,*

*Għandi ngħarrfec li f'seduta generali li inżammet dil gimgħa għal għażla ta'l ġurnal li għandu jcollu da'c-Circolu, is-Socjetà collha, b'fehma ŭaħda, għażlu In-"Naħla."*

*In-"Naħla" hija gazzetta struttiva, utili, indipendenti u fl'istess ħin tista tgħid li hi il gazzetta ta'l moda.*

*Da'ż-żmien ma tismax ħaġ'oħra ħlief min isemmi u ifaħħar 'In-"Naħla."'*

*Nispera li iċ-Circoli u is-Socjetaijiet l-oħra jimitau ucoll l'is-Socjetà "Matteu Callus" fil għażla tat ġurnal tagħhom.*

*Inselli għalic ħafna*
*Għoddni dejjem is-serv fidil tiegħec*
*Giuseppe Micallef Goggi.*

★

Dina il poeżija dehret fl-Almanacc "Il Ħabib Malti," iżda hi ħaġa tant sabiħa li biex tixxerred actar ġibta f'in-"Naħla" li fejn issib il għasel ħelu bħal dan iġġorru biex ittegħmu lil l-imsieħbin tagħha.

# IL BAĦAR.

*...Mirabiles elationes maris:*
*mirabilis in altis Dominus...*

DAVID.

Mita, fis-sajf, chif jisbaħ,—nixref mit-tieka tigħi,
biex nara 'l meŭġ ta taħti—stembaħx b'iċ-ciera migħi:
u nilmħu donnu gelu—magħkud bit-trab tan-nir,
bil kluħ tad-dgħajjes ħiergħa—bħal katgħa gaŭŭi cbir:
mita, chif l'eŭŭel dija—tax-xemx tibda tlekk fuku,
naraħ jitħarrec donnu—ħass il xi ħadd isuku;
u mal blatiet tal plajja,—bin-nida tigħu xeheb,
kalb il bokok tal fidda—ifaŭŭar ħjut tad-deheb:
mita, naraħ, bil kima—tal maħbubin mistura,
jersak lejn l-art, ibusha...—u jarġa iŭarrab l-ura;
nitħem, f'dic is-sbuħija,—li xejn m'aħna 'l bniedmin;
u inħoss il bżonn li ngħajjat:—Alla chemm int ħanin!

***

Imma fl'aħrax tax-xitŭa,—mita, miġbur f'camarti,
b'it-tieka 'msaccra, 'nċhennen—ma dŭar uliedi u marti,
nisimgħec tkum, o Baħar;—u colloc irrabjat,
ir-raxx mas-sħab ittajjar,—issabbat fuk il blat;
u tbiddel leŭnec f'dakka,—u tiftaħ glieghel cbar,
u trid bil ħalel chietra—tircheb sal għola sŭar:
mita, mill'art sax-xefak—mgħajjeb fir-ragħŭa tigħec,
niftacar chemm imsiechen—jinsabu 'mkabbdin migħec;
min għal pjacir, min fkajjar—biex jakla ħobżu, u min
ma bniedem bħalu 'mjassar—biex jonsob għal bniedmin;
nifhem li, f'dic it-telfa—collox għalina tkil;
u inħoss il bżonn li ngħajjat—Alla, chemm int kalil!

***

Il Baħar: chelma uaħda—li tfisser ħafna ħŭejjeġ:
ġmiel, cruha, kilia, ħemda,—faraġ mal meŭt imtejjeġ!
U triek, u moħba, u ħajja—ta bosta nies u ħlejjak,
bennienа tal imgħaxxak—u kabar tal imdejjak!
Misraħ bla tarf, fejn dejjem—flimchien huma 'mkabbdin
il ħut, il meŭġ, is-slaten,—kattiela ta xulxin!
Baħar, degħbien tal ġaŭhar,—li tgħaŭŭem fic id-dinja,
Alla ħażżiżlec b'sebgħu—sa fejn tifrex it-tinja;
u inti, fidil, bil għakal,—ma ħrigtx mis-sodda tigħec:
tagħleb il bniedem: imma—tħallih jixtric u ibigħec...
lil min iħobb jiżżargan—big-ġfien u bil canuni,
donnoc trid tgħid, o Baħar:—"Is-saħħa m'hix raġuni,
"għax, jecc min jitlaħ l'iżjed—jista jagħmel l'irid,
"li nibla ig-ġfien, u is-slaten,—u l-art, jen biss is-sid!"
Le, Baħar: tigħec, tagħna,—ta cullma sar u isir,
is-Sid m'hu ħadd ħlief Alla,—għax Alla biss hu cbir!

G. MUSCAT-AZZOPARDI.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

Ambroġ ħabat, nieżel it-taraġ għa'x chellu mitt sena biex jara chif għaddiet Marija ŭara dic il ħasda hecc cbira, u jecc ommha kalbetx għat-tajjeb, iżda intebaħ malajr li ħŭejjġu chienu mimlija collha demm.

Għalecc raġa l-ura, tala f'camartu, biddel bilġri, bilġri ħŭejjġu minn fuk u raġa niżel jiġri it-taraġ biex imur fejn Marija.

Meta ŭasal fl-aħħar indana għal ftit ma ħabatx ma Hamid li chien tiela. Hecc chif lemħu ħass bħal faŭra tielgħa għal rasu, ħass bħal mibegħda tfur minn kalbu għalieh, ftaear li Petrozz semma ismu x'hin chien kiegħed imut, xtak li jaħtfu ħatfa minn għonku u jibagħtlu ruħu għand in Nibi iżda moħħu chien f'Marija u għalecc, ŭara li ħares lejh ħarsa b'iċ-ciera minn fuk s'isfel baka ħiereġ.

X'ħin ŭasal għand il Barunissa Ingŭanez sab lil Marija collha imniccta u imbicchija, ħdejn ras ommha, li safra daks il karsa ta' xama u b'il ħurħara tielgħa n nieżla chienet kiegħda tistenna il meŭt minn ŭakt għal l-ieħor.

Marija malli rat l-Ambroġ ħadet ir-ruħ. "Ambroġ" kaltlu "il Bambin bagħtec. Murli għat-Tabib Axak ħalli jordnala il vjatcu, n Alla jcun jafulhec."

Il Barunissa, malli semgħet l-Ambroġ f'il camra riedet tgħid xi ħaġa li ma fehmux, middet idha lejh, Ambroġ taha tiegħu u din għafsetielhu b'il ftit saħħa li chellha.

Ambroġ biesha fuk ġbinha u ħareġ biex jakdi lil Marija.

Ŭara ftit daħal it-tabib ma' Ambroġ u ŭara ftit il kassis b'il vjatcu. Il Barunissa kerret actar b'is-sinjali milli b'il cliem, uriet indiema ta dnubietha u il kassis karbinha.

Ŭara li tkarbnet u ħareġ il kassis uriet lil Marija u lil Ambroġ li tridhom jersku lejha. Daŭna mxteħtu għarcoptejhom ħdejn is-sodda ta'l Barunissa, u x'ħin meddet idha fuk ras Ambroġ kalet chemm chemm tiftihem: "inbiericcom.... ħobbha.... f'idejc.... u ma tchellmetx iżjed.

Reġgħet kabditha actar kaŭŭija il ħurħara, fuk għajnejha ixxerdet bħal żliega, idejha intelku ma genbha, għal cliem ta'l kassis, li chien raġa giè biex jiekaf ma' ruħha, u għal cliem ta'l imniccta Marija ma ŭieġbitx ħlief b'it-tbexxiek ta' fommha li chien niexef bħal sufra.

Marija xarrbitilha xuttejha, saħħnitilha chemm il darba ġbinha b'idha u b'il beŭs sfieki ta' fommha, iżda għal xejn, il Barunissa chienet ċassa bħal mejta.

Ŭara ftit strieħet m'il ħurħara, ħabtet donnha trid tiċċaklak, tgherbet demgħa ma ħaddejha u hi ma iċċakelketx iżjed.

Il kassis raxx l-ilma imbierec fukhà f'il ħin li għedŭed talba għal mejtin, Marija ma complietx il-litanija li conna kiegħdin ingħidu u infexxet tolfok chemm tiflaħ b'ŭiċċha fuk spallti, u jiena ucoll ħassejt kalbi tintgħasar u żeŭġ demgħat igelbnu ma' ħaddejja.

Sabbart m'il l-aħjar li stajt lil Marija, il kassis għienni chelma ucoll, u is-sefturi malajr meddeŭ idejhom, imbicchija, biex icheffnuha.

Il Barunissa chienet ġa xatha takliba seŭŭa f'San Paŭl il Baħar; il ħasda li ħadet meta għamlu għalihom De Saqueville u sħabu għallmet fukha ŭisk, u chidditha ucoll ħafna l-aħbar ta' dac collu li chien sejjer igħaddi minn Marija chiecu Ambroġ ma lahakx f'il ħin biex jaħtatha m'idduiefer ta'l misħut Cavalier. Ma dan is-snin li chellha u il marda tŭila li chienet ilha tifniha irkiek compleŭ biex għerbuha għal ġo'l kabar.

Malli xterdet ix-xniha ta'l meŭt tagħha malajr geŭ xi kraba u xi ħbieb biex taŭ ċakka ta' id u biex tħaddtu fuk id-difna.

Marija talbet lil Ambroġ li ma jitlakiex f'daŭc il mumenti, u Ambroġ katta il lejl jisħar magħha bla ma katt għaddielu minn rasu li jecc ma tul dac il-lejl id-dar ta Marija chienet mimlija b'in-nichet għat-telfa t'ommha, f'dac il-lejl ucoll ħarbet Carmena biex tmur issib lil midrub De Saqueville u b'hecc id-dar tagħhom chienet ucoll sejra tintela b'nichet li ma bħalu.

Tasseŭ li meta tiġi trid tiftħilha il bieb.

*(Jissocta)*

Is-SUR FELIĊ ATTARD ħalla dina id-dinja ta' nichet f'il 11 ta' dana ix-xahar, il Furjana. Alla jatih il mistrieħ ta' dejjem għal l-għamil tajjeb tiegħu u is-sabar lil l-uliedu, fostom lil ħabibna is-Sur Cicc, u lil familja tiegħu.

Annetta F. SERGE, tfajla ta' seba snin, taret għal Genna f'it 13 ta' dana ix-xahar. Missierha Achille u ommha Marija għandhom jitfarrġu li hemm fuk għandhom min jitlob għalihom,

ANĠLU CARUANA, f'il 10 ta' dana ix-xahar, ħalla dina id-dinja ta' imrar fost il bichi ta' cull min chien jafu. Holok is-"Societa Operaja Cattolica" li tagħmel tant gid l'in-nies ta's-sengħa, Alla jati is-sabar l-ibnu l-Avucat, ħabib tiegħi, u lil familja collha.

BILLI IL CARTA TA'S-SOLTU SPIĊĊAT U HAŬN MALTA MA SIBT BHALA IMCHIEN U IL FABBRICA MA LAHKETX BAGHTET DIC LI ORDNAJT, INKDEJT B'DIN LI HI TAJBA UCOLL U LI FUKHA L-ISTAMPÀ HARGET AHJAR.

# LOGĦOB.

## XARADA.

L-*eŭŭel* mimli statŭi u fjuri;
Frotta it-*tieni*; trid l-*intier*?
Dan hu poplu maħkur dejjem
Taħt il ħacma ta'l frustier.

## Lil l-Imsieħbin.

Nitlob lil daŭc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eŭŭel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daŭc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraŭ tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inŭiegħbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol ŭisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cull-ħadd.

Daŭc collha li jixtieku jaraŭ xi numri ta'n-"Naħla" biex forsi jitħajjru jissieħbu jiġu l-uffiċċju tiegħi u natihom b'XEJN xi numri farrada m'il l-imgħoddija. Nitlob ucoll lil daŭc li jonkoshom xi numri li jgħarrfuni għaliex da'l ŭakt jispiċċaŭ u jibkgħu b'xejn.

Min jissieħeb ġdid u irid in-numri collha ta' kabel għandi mnejn natihomlu.

★

ĦAREĠ IL CTIEB SABIĦ

**"IL MAĦBUB TA' GESÙ:"**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠŪANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GĦALCHEMM FIH FUK IL GĦOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEĦ **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGĦBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEĦ UIEĦED MEĦJUT U LEST. IXTRUH ĦALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIĦ.

A. LEVANZIN.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova johrog għal kalbu sgur.

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseŭ imur f'iċ-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjaħ SANSPAREIL. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieħ sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Trid tieħu grog tajjeb jeŭ tixrob birra u imbejjet m'il l-aħjar? Morru għand Riccardu Spiteri ta'l "Excelsior Bar" ta' Strada Vittoria, 37, l-Isla, u taraŭ chif ma għedt xejn żejjed.

Tridu tixtru Cappel tajjeb bi ftit flus? Morru għand Toni Borġ, ta' Strada Santa Teresa, 123, Bormla u taraŭ chif tergħhu.

Min irid jinkeda tajjeb b'dentaturi maħdumin tajjeb u bi prezzijiet li jgħoddu għal cullħadd imur għand id-Dentista Ġorġ Guillaumier ta'l Imsida, Rue d'Argens, 25.

Min icun irid jiżboħ xi carrozza seŭŭa u b'irħis imur għand Toni Zerafa ta' Strada Reale, 183, il Ħamrun u joħroġ jiftaħar sgur.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1 B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Min irid Birra ibbottiljata, imbejjet u Spiriti m'il l-aħjar imur għand Ġeo: Cuschieri u Sieħbu, 18, Strada Porta Marina l-Isla u jibka sgur li għal qŭalita u għal prezzijiet joħroġ cuntent.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixtri xorb tajjeb u b'irħis imur għand is-Sur Ġużè Casha, ta' Strada Zecca, Nu 14, il Belt u ma jibdielux.

Il Milied u l-Istrina magħna. Min irid jixtri ġugarelli, cartolini, arloġġi u ħŭejjeġ oħra għa'r-rigali, b'irħis, imur għand James P. Griffiths ta' Strada Marina Nu 43, Bormla u joħroġ sgur cuntent.

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabiħ ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos? Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.